MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Numru. 167/2003

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
RONALD BONSFIELD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ronald Bonsfield, ta' 52 sena, bin Carmel u Mary nee' Said, imwieled il-Belt Valletta nhar it-3 ta' Gunju 1949, u residenti 137, St Paul's Street, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 482949(M), u akkuzat talli bil-lejl, u fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Novembru 2002, minn Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' karozza tal-ghamla Fiat 126 bin-numru tar-registrazzjoni BAD753, li hija stmata iktar minn elf Lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' David Arrigo u/jew terzi persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom telefon cellulari tal-ghamla Siemens, komplut bic-'charger', kif ukoll bagalja, kontenenti diversi dokumenti minn gewwa karozza tal-ghamla Fiat, bin-numru tar-registrazzjoni BAD753, li huma stmati li jiswew aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), izda inqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu ta' France Joseph Degenheart, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fil-granet ta' qabel il-lejl tas-17 ta' Novembru 2003, ikkommetta serq ta' diversi 'floodlights' u 'wire' li jiswew iktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50) mill-'yacht yard' sitwata gewwa Manoel Island, ghad-dannu ta' Pierre Balzan u d-diretturi ta' Manoel Island 'yacht yard', li hija sitwata f'Tax-Xbiex, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin.

U aktar talli bil-lejl u fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Novembru 2002, f'Manoel Island, ikkaguna hsara volontarja, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara volontarja fil-'fence' tal-'yacht yard', liema hsara tiswa' aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50), izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), ghad-dannu tad-diretturi tal-Manoel Island 'yacht yard'.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ta' nhar il-15 t'Ottubru 2003, wara li l-Qorti tat opportunita' lill-imputat jikkunsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 261, 263, 267, 270, 271, 325(b) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

tikkundanna lill-imputat ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------